# IL-PROĠETT TA' l-AKWADOTT

## Twassil ta' l-ilma għall-Belt Valletta

In-nuqqas ta' ilma f' pajjiżna minn dejjem kien ta' uġiegħ ta' ras ghal kulmin kellu t-tmexxija tal-Gvern. Tul iż-żminijiet saru diversi proġetti biex itaffu dan in-nuqqas, u fl-istess ħin għamlu minn kollox biex jitrażżan il-konsum u b'hekk tkun evitata l-ħela. Il-ħsieb tan-nixfa, iżda aktar u aktar il-biża' minn theddid ta' xi assedju, ġiegħlu l-missirijietna jħarsu fil-bogħod.

Meta fis-sena 1571 nbniet il-belt Valletta tfasslu l-liġijiet godda biex iħarsu l-ħażna ta' l-ilma. Kull dar fil-belt ma setax ikollha ġnien jew bitħa iżda ried ikollha bir. Minkejja dawn il-miżuri l-provvista ta' l-ilma kienet għadha nieqsa sew. L-ewwel attentat biex titjieb il-provvista ta' l-ilma fil-Belt sar fl-1596. Jacobo - qassis ġiżwita - kien inkarigat biex ifassal proġett iżda ma rnexxilux, għax in-nefqa bdiet dejjem tiżdied li fl-aħħar qatgħu qalbhom.



Fl-1610 il-gran Mastru Adolf de Wignacourt ta l-proġett f'idejn ġiżwita ieħor Tomasuċċi. L-ilma kellu jinġieb minn għadd ta' egħjjun madwar Ħad Dingli l-isfel lejn il-Belt ghal forti Sant' lermu. It-tamiet ghal soluzzjoni issa kibru mhux ftit tant li Wignacourt offra li joħroġ il-flus kollha ghal dan il-proġett hekk bżonnjuż. Il-kunsill tal-Gvern ordna wkoll li l-qliegħ mill-ifran ta' l-Ordni jkunu nvestiti f' dan il-proġett.

Sa Ħ'attard, l-ilma għaddewh f'kanali mħaffra fil-gebel taħt l-art. Iżda billi f'dawn l-inħawi ta' Ħ'Attard f'daqqa waħda hemm diżlivell ta' l-fuq minn ħamsin pied fil-medda ta' l-art is-sistema tal-kanali taħt l-art hawn ma ħadmitx. Ħabta u sabta ix-xogħol waqaf u wara ftit Tomasuċċi kelllu jabbanduna il-proġett ukoll.

Sentejn wara nġieb Malta Inġinier ieħor, Bontadini minn Bologna, biex bl-għajnuna ta' xi mgħallmin Maltin jippruvaw isolvu l-ħafna diffikultajiet li bdew jinqalghu bit-tama li jissokta x-xogħol. Wara ħafna studju beda ix-xogħol fuq pjan ta' l-Imgħallem Malti Giovanni Attard. Il-problema ġiet megħluba billi fejn kien hem diżlivell, nbnew arkati tal-ġebel biex mimm fuqhom, l-ilma jkun jista' jgħaddi bla tfixkil u bil-veloċita'meħtiega. L-arkati nbnew minn Ħ'attard sal-Ħamrun minfejn l-ilma twassal sal-Belt Valletta permezz ta' kanali jew katusi taħt l-art.

Fit-tarf ta' Birkirkara nbniet l-arkata famuża - il-Fleur-de-lys - bil-fjura Franċiża billi Wignacourt kien Franċiż) fejn l-ilma kien jaqsam it-triq min naħa ta' Birkirkara ghal dik tal-Ħamrun. Sfortunatament din l-arkata tneħħiet minħabba t-traffiku fi żmien il-gwerra.

Il-proġett mibdi fl-1610 u spiċċa fl-1614, hu twil sittax -il kilometru. Hu stmat li b'kollox sewa aktar minn 400,000 skud, li l-biċċa l-kbira minnhom ħariġhom il-gran Mastru Wignacourt. L-ilma fil-Belt Valletta twassal ghall-ewwel darba fil-21 ta' April 1615, minn funtana mibnija apposta f' Misraħ il-Palazz.